**10 ta' Ottubru, 1962.**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Henry E. Zammit ne.

*versus*

Anthony Camilleri ne.

**Depożitu — Responsabbiltà tad-Depożitarju — Danni — Dwana — Lokazzjoni d'Opera — Art. 2001, 2002(1) (b), 1175 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-depożitu volontarju huwa essenzjalment gratuwitu; imma meta hu salarjat jitlef il-karatteristika ta' depożitu pur u sempliċi, u jiġi jipparteċipa mill-lokazzjoni d'opera, u ma jibqgħax depożitu ħlief f'sens improprju. Dan jimporta illi*

*d-depożitarju salarjat jassumi responsabbiltà aktar kbira minn dik li jkollu a karigu tiegħu l-veru u proprju depożitarju, u għandu jadopera fil-kustodja tal-ħwejjeġ depożitati għandu d-diliġenza tal-"bonus pater familias" fi grad akbar minn dak ordinarju.*

*Dan japplika mingħajr distinzjoni bejn depożitarju u ieħor, u kwindi anki jekk depożitarju jkun il-Gvern; u din ir-responsabbiltà testendi ruħha anki għall-fatt li setgħu jagħmlu l-kommessi u dipendenti tal-istess depożitarju.*

*Għaldaqstant, jekk mill-imħażen tad-Dwana tonqos xi merkanzija li għad-depożitu tagħha l-importatur ikun iħallas dritt ta' magazzinaġġ, id-Dipartiment tad-Dwana hu responsabbli għan-nuqqas li jivverifika ruħu f'dik il-merkanzija, u huwa obligat iħallas lill-importatur il-valur tal-merkanzija mankanti flimkien mad-danni, jekk ma jirriżultax illi n-nuqqas kien dovut għal xi rottura jew sgass tal-ambjent fejn il-merkanzija kienet merfuħa u kustodita, jew għal xi rottura ta' ostakoli ordinarji, bħal ma huma bibien u twieqi nservjenti għal li-store fejn il-merkanzija kienet in depożitu, jew jekk jirriżulta illi d-dipartiment ma jkunx adopera d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja fi grad akbar minn dik ordinarja fil-kustodja tal-merkanzija depożitata bi ħlas.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li huwa ddepożita fl-imħażen tal-Gvern konoxxuti bħala Pinto Bonded Stores tliet kaxxi whisky White Horse u ħamsa u għoxrin kaxxa Daniel Crawford Scotch Whisky, kif jirriżulta miż-żewġ dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni markati "A" u "B"; u peress li l-attur meta mar biex jirtira l-imsemmija kaxxi minn Pinto Bonded Stores, sab neqsin it-tliet kaxxi White Horse Whisky ta' £14.15.0 u disgħa mill-ħamsa u għoxrin kaxxa Daniel Crawford Whisky ta' £40.4.0; u peress li l-attur kien qiegħed iħallas lill-konvenut dritt ta' magazzinaġġ għall-imsemmi depożitu: premessa kull dikjarazzjoni neċessarja, u senjatament dik li, in vista tad-dritt ta' magazzinaġġ li l-konvenut nomine kien qiegħed jirċievi huwa bħala depożitarju, hu responsabbli għal kull negliġenza, tkun kemm tkun żgħira, u mogħti kull provvediment opportun, talab (1) li l-istess

konvenut, fil-kwalità premessa, jiġi dikjarat responsabbli tan-nuqqas mill-Pinto Bonded Stores tal-imsemmija tnax il-kaxxa whisky; (2) jiġu likwidati, anki, okkorrendo, per mezz ta' periti nominandi, id-danni mill-attur sofferti mħabba l-imsemmi nuqqas tal-imsemmija tnax il-kaxxa whisky, konsistenti dawn id-danni fil-valur tal-istess merkanzija, telf ta' profitti, dazju mħallas, u kull spiża oħra magħmula mill-attur relattivament għall-imsemmija merkanzija li rriżultat nieqsa; (3) il-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma li tiġi hekk likwidata, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż komprizi dawk tal-protest tat-28 ta' April 1959;

*Omissis;*

Rat il-verbal tal-14 ta' Ottubru 1959, li minnu jidher li l-avukat tal-attur jirtira d-dikjarazzjoni partikulari mitluba, u jirrestrinġi t-talba tiegħu għar-responsabbiltà ta' "bonus pater familias" dovuta mill-konvenut nomine, u kwindi ma jirritjenix lill-konvenut nomine responsabbli tal-"culpa laevissima";

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-att promotorju tal-ġudizzju, u mill-verbal tal-14 ta' Ottubru 1959 li jirrestrinġiha, jidher li l-kawża odjerna hija ntiża għall-otteniment ta' ammont li linea ta' danni fuq ir-responsabbiltà tal-konvenut nomine bħala depożitarju, in kwantu huwa allegat li huwa ma ħax il-kura u diliġenza, fir-rapport ġuridiku ntervenut bejn il-partijiet, skond ma trid il-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-verbal tal-14 ta' Ottubru 1959 l-attur nomine rrestrinġa u ddelimita r-responsabbiltà tal-konvenut nomine pretiża minnu għal dik biss dovuta skond il-liġi, barra minn u eskluża dik dovuta għall-"culpa laevissima", li fil-gradazzjoni tal-ħtija hija eċċezzjonali u trid tkun "ad hoc" sanzjonata mill-liġi sabiex tiġi applikata b'mod li tim-

porta osservazzjoni u miżura ta' diliġenza tal-ħaġa aktar skrupluża, u kwindi virtwalment ir-responsabbiltà għal diliġenza l-aktar estiża. Fi kliem ieħor aktar determinat, l-instanti qiegħed jirritjeni responsabbli lill-konvenut nomine bħala depożitarju fil-kustodja tal-ħaġa għandu depożitata fi grad aktar riġorus minn dak li soltu jieħu fil-kustodja *tal-istess ħwejġu* (ara L. 32 *ff. Depositi, Celso*), skond it-termini tal-art. 2001 kombinat mal-art. 2002(1) (b) tal-Kap. 23 (ara L. 5 § 2 Commod.); liema grad ta' responsabbiltà fid-dawl u fl-isfond tal-artikoli l-oħra tal-istess Kodiċi Ċivili u ċjoè is-sezzjonijiet 1175 u 1075 u ċjoè id-diliġenza tal-"bonus pater familias" huwa iżjed sever fil-każ *in diżamina*, kif hemm maħsub fl-art. 2002(1) tal-istess statut; eskluża f'din is-severità l-gradazzjoni tal-kolpa l-aktar ħafifa;

Illi minn dan li ntqal jitnissel, kwindi, li din il-Qorti trid teżamina fil-każ konkret in kwistjoni jekk il-konvenut nomine użax, bħala depożitarju salarjat, dik id-diliġenza tal-"bonus pater familias" aktar *rigoruża bħal ma kien* soltu juża fil-kustodja tal-ħwejjeġ tiegħu taħt iċ-ċirkustanzi partikulari tal-art. 2002(1) (b) tal-Kap. 23;

Ikkunsidrat;

*Illi* l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna huma dawn li sejrin jiġu relatati. Id-ditta attriċi akkwistat minn għand id-ditta "Saccone & Speed" il-partita White Horse Whisky msemmija fid-dokument "A" (fol. 5 tal-proċess), li kienet depożitata "in bond" għand il-konvenut nomine. Inoltre, id-ditta attriċi, meta rċeviet il-partita Daniel Crawford Whisky fl-ewwel ta' Diċembru 1958, qegħdita wkoll "in bond" għand il-konvenut nomine, kif jidher *mid-dokument* "B" (fol. 6 tal-proċess). Għall-ħabta tal-11 ta' Diċembru 1958 id-ditta attriċi ċemplet lill-inkarigat tal-'bonded stores' biex tieħu xi informazzjonijiet dwar il-merkanzija msemmija, li kienet, l-ewwel waħda (dok. A) trasferita minn fuq isem id-ditta "Saccone & Speed" fuq isem l-istess ditta instanti, u t-tieni waħda (dok. B) mill-ewwel depożitata f'isem *id-ditta attriċi*; u d-diriġenti tal-istess ditta instanti ġew infurmati li minn dik l-istess merkanzija ndikata fid-dok. "A" u "B" ma kien baqa' xejn fil-"bonded stores".

Verifikati l-kotba tad-ditta instanti, instab li dik l-informazzjoni kienet ineżatta u kien għalhekk, wara li ġie avviċinat il-konvenut nomine u sar miegħu xi diskors fuq din il-mankanza, li nkitbet l-ittra tat-18 ta' Diċembru 1959 mid-ditta attriċi lill-konvenut nomine, minn fejn jidher li l-konvenut nomine kien qiegħed jiġi miżmum responsabbli tan-nuqqas ta' disgħa kaxxi whisky tal-partita ndikata fid-dokument "B" u tliet kaxxi tal-partita dokument "A", għall-import globali ta' £54.19.0 (ara dok. "C" fol. 16); għal liema korrispondenza l-konvenut nomine wieġeb bl-ittra tat-3 ta' Jannar 1959 (dok. "D" fol. 17), fejn iddeklina kwalunkwe responsabbiltà, u qal li l-każ qiegħed jiġi nvestigat mill-Pulizija. Għalkemm il-konvenut nomine ddeklina r-responsabbiltà għall-ammank verifikat, eppure ammetta li sar dan in-nuqqas waqt li l-istess merkanzija tad-ditta attriċi kienet depożitata għandu bi ħlas regolari, u li f'dan in-nuqqas ma vverifikatx ruħha ebda vjolenza jew sgassar tal-post fejn l-istess merkanzija kienet "in deposito";

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti tal-kawża u provi jirriżulta li l-prattika segwita mid-dipartiment tal-konvenut nomine fid-depożiti tal-merkanzija hija din li sejra tiġi relatata. Meta kummerċjant jagħżel li jqiegħed "in bond" xi merkanzija fl-imħażen ta' Pintu, il-Marsa, issir l-"entry" bħal dik indikata fid-dokument "B" (fol. 6 tal-proċess), bid-deskrizzjonijiet hemm indikati. Din l-"entry" bil-partikolari msemmija titniżżel fil-kotba tal-"Main Office", u l-merkanzija tiġi trasportata fl-imħażen li jkunu ddestinawlha, u tiġi stokkjata separatament minn merkanzija oħra ta' ħadd ieħor, wara li jiġu verifikati l-kolli. In segwitu, u mhux dejjem immedjatament kif jidher minn bejn il-linji ta' xi wħud mid-deponenti li ġieb il-quddiem bħala xhieda l-konvenut nomine, dak li jitniżżel fuq il-kotba jitniżżel fuq "label" bl-isem tad-depożitant. Kull partita tal-istess kummerċjant u ditta li tiġi depożitata jitqegħdu ħdejn xulxin imma separatament bid-data tal-"entry". Jekk merkanzija tiġi, waqt li tkun "in bond", trasferita minn ditta għal soċjetà kummerċjali oħra, jew minn kummerċjant individwali għal xi kummerċjant jew ditta oħra, tintuża l-formola 9 (dok A fol. 5 tal-proċess), u l-kwantità trasferita tiġi fl-istess

stores trasferita minn taħt l-isem tat-trasferenti lil min tkun trasferita, bla ma l-partita trasferita titħallat mal-merkanzija li seta' jkollu "in bond" l-aċċettanti t-trasferiment, għalkemm titqiegħed fl-istess lokalità tal-preċedenti b'"label" indikanti l-kwantitattiv trasferit, li jkun qabel ġie mniżżel fil-kotba;

Meta ditta kummerċjali jew kummerċjant jiġi biex jirtira xi parti mill-merkanzija depożitata, jindika f'dokument apposta l-kwantitattiv li jkun irid jirtira; dan id-dokument jiġi verifikat mal-kotba tad-dipartiment, sabiex jiġi aċċertat qabel xejn jekk ikunx hemm in depożitu dak il-kwantitattiv li jrid jiġi ritirat; u jekk jirriżulta li jkun hemm "in bond" dik il-miżura jew kwantità, jinbagħat wieħed mill-uffiċjali fli-store fejn il-merkanzija tkun depożitata, sabiex issir il-kunsinna tad-depożitu rikjest. Għal dan il-fini, min ikun inkarigat jieħu minn "cupboard" li jinsab fil-"Main Office" tal-istore in kwistjoni (liema "cupboard" matul il-ġurnata jkun aċċessibbli għall-impjegati kollha u jkun jikkontjenihom) iċ-ċwievet tal-istores jew imħażen kollha. L-uffiċjal hekk inkarigat imur bid-dokumenti fil-maħżen li jkun qiegħed jikkonserva l-merkanzija, jiftaħ il-bieb tal-maħżen jivverifika d-dokument li jkun ħa miegħu, rappreżentanti l-merkanzija li jkollha tiġi ritirata mal-"label" tal-merkanzija maħżuna appartenenti lil-kummerċjant ritiranti, u jekk isir li dak id-dokument jikkorrispondi għall-kotba, tant dwar il-kwantità depożitata kemm dwar ir-rimanenza tal-munżell tal-merkanzija li kellha tkun hemm, jagħmel il-kunsinna rikjesta; liema kunsinna tiġi magħmula wara li jinsab li tkun tikkorrispondi ma' dik il-merċi li kellha tiġi ritirata. Jekk però jsib li l-"label" fuq il-munżell tal-merkanzija ta' kummerċjant determinat ma kienx jikkorrispondi mal-kotba, sew għall-kwantitattiv oriġinali sew għar-rimanenza wara xi ritiri, l-impjegat ma jagħmelx il-kunsinna u jirrapporta lill-"Main Office"; u wara li jsiru r-reperti meħtieġa sabiex tinstab id-diverġenza jekk ikun hemm il-kwantità reklamata, issir il-kunsinna, salv li tibqa' ssir ir-riċerka tad-diverġenza; jekk però ma tkunx tista' ssir il-kunsinna, isir id-debitu rapport u riċerki nvestigatorji;

Huwa aċċertat mill-provi li (1) l-importatur qatt ma

jidħol waħdu ġewwa l-imħażen, imma dejjem jidħol ma' uffiċjal tad-*Dwana; (2) l-uffiċjali tad-Dwana, però, jistgħu* jidħlu weħedhom ġewwa l-maħżen; (3) "stock taking" qatt ma sar f'dawn l-imħażen, għalkemm, meta jagħmel xi "surprise visit" l-Uditur, normalment jagħżel li jivverifika mhux il-merkanzija kollha, imma "ad libitum" xi partiti l-hawn u l-hemm appartenenti lill-importatur; (4) "watchman" qatt ma jkun hemm, la bi nhar u lanqas billejl, waqt li l-imħażen ikunu msakkrin; (5) meta uffiċjal tad-Dwana jieħu xi ċavetta jew muftieħ tal-imħażen mill-"cupboard" taċ-ċwievet, dak li jista' faċilment jagħmel, għax huma aċċessibbli *għalieh, ma ssirx ebda "entry"* bil-miktub f'xi kotba;

Irriżulta wkoll li l-istess imħażen, li jkunu msakkrin bil-muftieħ minn barra, ġie li f'ġurnata waħda nfetħu tliet darbiet, u ġie li ma nfetħu xejn. Meta tagħlaq il-ġurnata, issir verifika sabiex jiġi verifikat jekk fil-"cupboard" taċ-ċwievet tal-imħażen ikunx hemm l-imfietaħ kollha; jingħalaq, jew aħjar jissakkar il-"cupboard" b'ċavetta, kif ukoll il-"main door" tal-uffiċċju, u ċ-ċavetta tal-"main door" tiġi *meħuda d-Dwana f'kaxxa magħluqa u kunsinnata fl-uffiċċju* tal-passaporti, fejn tiġi konservata sa l-għada;

Fl-aħħarnett jirriżulta ampjament mix-xhieda kollha tal-konvenut u l-istess konvenut nomine li n-nuqqas tal-merkanzija lamentat sar bla skassar u mezz ieħor mill-istore numru 3 u ċjoè mill-lojt jew raff tiegħu; u mentri mix-xhieda ta' Paolo Galea donnu jidher li dan l-istore numru 3 għandu xi bieb ieħor barra li jissakkar bil-muftieħ għandu wkoll xi bieb ieħor li jagħti għall-"loft" tal-*istess maħżen, li minn barra jingħalaq b'muftieħ u minn* ġewwa (dak il-bieb ta' ġewwa li jagħti għall-"loft") jingħalaq b'muftieħ separat u differenti mill-bieb il-kbir tal-maħżen; u mid-depożizzjoni ta' Antonio Agius jirriżulta li l-ammank ma setgħax sar mħabba fi żball, fis-sens li l-kaxxi mankanti setgħu ġew mogħtija lil importatur ieħor minflok id-ditta attriċi;

Illi l-konvenut nomine ġieb lill-Ispettur Paul Grech (fol. 69) sabiex jipprova li għall-ħabta tal-konstatazzjoni tal-ammanki u *nuqqasijiet, li qiegħed jikkwerela dwarhom*

l-attur, kienet instabet f'idejn terza persuna kaxxa whisky li naqset mill-istess "loft" tal-istore, numru 3, sabiex huwa jkun eżentat minn kwalunkwe responsabbiltà għar-raġuni ta' forza maġġuri; imma, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, din il-prova ma tistgħax "ipso facto" tassolvi lill-konvenut nomine, għal svarjati raġunijiet. Infatti, il-kaxxa whisky misjuba għand terza persuna mhijiex tal-istess marka tal-merkanzija li naqset waqt li kienet "in deposito" għand il-konvenut nomine mill-partiti tal-attur; u inoltre, ġie ritenut fil-ġurisprudenza li, biex ikun hemm l-eżenzjoni tal-każ fortuwitu fir-responsabbiltà tad-depożitarju, li tirrendi kwalunkwe indaġini dwar id-diliġenza fil-kustodja minnu adoperata inutili, irid ikun hemm nuqqas dovut għal sgass — dak li ma jirriżultax li kien hemm fil-każ in diżamina; għalkemm intqal ukoll li hemm ġurisprudenza li ssostni li s-serq akkompanjat minn rottura, jekk huwa veru li jista' jagħti lok għal preżunzjoni ta' nuqqas ta' ħtija eppure ma jikkostitwix preżunzjoni "juris et de jure", li ma tammettix prova kuntrarja;

Ikkunsidrat;

Illi dwar dan l-istitut din il-Qorti tinklina għat-teorija dottrinarja l-aktar akkreditata li ladarba d-depożitu volontarju huwa essenzjalment gratuwitu, meta jiġi stipulat kumpens jew salarju a favur tad-depożitarju l-kuntratt "de quo" jitlef il-karatteristika ta' depożitu pur u sempliċi, u jiġi jipparteċipa mill-kuntratt ta' lokazzjoni, u ma jil-qgħax depożitu ħlief fis-sens improprju. Dan jimporta, del resto anki kif huwa ritenut skond id-Dritt Ruman (ara Ulpianus L. 5 Dig. Comm.), li dan id-depożitarju salarjat, fis-sens li fuq intqal, jassumi responsabbiltà aktar kbira minn dik li ikollu a kariku tiegħu l-veru u proprju depożitarju (ara Troplong, Del Deposito para. 79 Ediz. Sandon e Alleva Palermo 1845 Vol. VIII pag. 212, colonna 1ma.; u Tito Caraffa Monografi "Il-Deposito" 1898, U.T.E.T. para. 57). Din l-istess responsabbiltà hija dik ta' diliġenti "pater familias" aktar akkort minn dak ordinarju; u f'din il-materia la l-liġi u lanqas id-dottrina ma tagħmel differenza bejn depożitarju u depożitarju ikun min ikun, kwindi anki jekk ikun il-Gvern. Din ir-responsabbiltà, fid-dawl ta' dak li fuq intqal dwar l-essenza tal-istitut in parola, tes-

tendi ruħha għall-fatti li setgħu għamlu l-kommessi u dipendenti tal-istess depożitarju;

Illi fil-każ in konkret ma jirriżultax li l-merkanzija ta' proprijetà tal-instanti, li kienet depożitata b'kumpens għand il-konvenut nomine, għadha teżisti in depożitu, jew li nsterqet b'xi rottura jew sgassar tal-ambjent fejn kienet merfuħa u kustodita, jew ta' xi rottura ta' ostakolu ordinarju, bħal ma huma bibien u twieqi inservjenti għal listore fejn kienet "in deposit". Lanqas jista' jingħad li ġiet kunsinnata bla reġistrazzjoni fil-kotba u fuq il-"label" imsemmi lill-instanti, l-għaliex dan huwa aċċertat mid-depożizzjoni ta' Henry Zammit u lanqas ma huwa allegat millkonvenut nomine. Imma huwa fatt li spariet minn dak ilmaħżen, li qatt ma kien jittieħed "stock taking" tiegħu. Issa, jekk huwa minnu li l-konvenut nomine qatt ma kien jagħmel "stock taking", proċedura suġġeribbli kull ċertu perijodu u meħtieġa għal min irid ikun preċiż fil-kwantitattiv ta' merkanzija "in deposit" u fil-konsenji u ritorn tal-merkanzija li huwa jaċċetta in kustodja b'kumpens, huwa wkoll minnu li l-Uditur tal-Gvern kien jagħmel xi verifiki sporadiċi; liema proċedura, għalkemm grossolana u suċċinta, kienet timporta, jew almenu f'missier tajjeb ta' familja oberat b'ċerta akkuratezza u akkortezza rigoruża fid-diliġenza tiegħu, dak l-aċċertament. Jingħad, inoltre, il-fatt li kull impjegat tad-Dwana fid-dipartiment in kwistjoni kellu l-faċilità li huwa jieħu ċ-ċwievet tal-istess merkanzija tal-istores mingħajr ebda "entry" f'xi kotba taluffiċċju — dak li, fil-ħsieb tal-Qorti, mhux konsentaneu mad-diliġenza rikjesta mill-konvenut nomine u dipendenti tiegħu, li kien jiġi mħallas għas-servizz tiegħu ta' depożitarju. Inoltre, il-fatt li jmur wieħed mill-impjegati biex jikkunsinna l-merkanzija li tiġi ritirata mill-importatur ma jurix dik l-akkortezza li wieħed jadopera fil-ħwejjeġ tiegħu, l-għaliex jista' jagħti lok għal kollużjoni bejn l-impjegat u xi persuna estranea, li tista' tassumi svarjati forom, fosthom (1) li l-impjegat jagħti in kunsinna lit-terza persuna kwantitattiv aktar minn dak rikjest mill-importatur bla ma jniżżel fuq il-"label" il-kwantità li tkun teċċedi r-rikjesta, biex jillokupleta ruħu b'xi manċja jew kumpens u l-im-

purtatur jiffranka d-dazju, (2) jew li l-impjegat jagħti lill-importatur mill-munżell tal-merkanzija t'egħu l-kwantitat-tiv rikjest, u mbgħad minn xi munżell ta' merkanzija tal-istess ġeneru ta' ħadd ieħor jikkunsinnalu xi merkanzija ta' mportatur ieħor sabiex issir xi operazzjoni ekonomika bej-niethom, u in segwitu dan l-aħħar importatur defrawdat isib in-nuqqas. Jista' jagħti wkoll il-każ li b'xi żball u ne-gliġenza l-merkanzija depożitata tiġi maħruġa minn mun-żell viċin ta' dak li jkun jirrikjediha, imma li tkun ta' ħadd ieħor;

Fl-aħħarnett jingħad li n-nuqqas li sab l-attur u dawk li nstabu tal-istess ġeneru ta' merkanzija wara li nkixef il-każ tal-instanti, li mhux indifferenti, jista' preżumibbil-ment juri li l-fatt tas-sottrazzjonijiet kien ilu sejjer u jsir b'xi konnivenza u aċċessorjetà nterna, appuntu l-għaliex ma kienx hemm is-sorveljanza li fil-ħwejjeġ tiegħu ċerta-ment kienu l-konvenut nomine u d-dipendenti tiegħu jieħdu u kellhom jieħdu, tant dwar il-barranin kemm dwar l-im-pjegati li kienu għas-servizz tiegħu bħala depożitarju salar-jat; liema attivazzjoni kienet timporta sekwestru mperfett, u ċjoè sekwestru li kien jipparteċipa mill-lokazzjoni, fejn il-prestanti l-lokazzjoni tal-opra huwa responsabbli anki għad-dipendenti tiegħu li huwa jkun tahom fiduċja;

Illi kwindi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, il-kon-venut nomine huwa responsabbli tan-nuqqas soffert mid-ditta instanti;

Ikkunsidrat;

Illi, riżoluta l-kwistjoni tar-responsabbiltà din il-Qorti sejra tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-danni;

Illi ma saretx kwistjoni li l-merkanzija li naqset u li kienet ta' proprijetà tal-attur kienet globalment tiswa £54.19.0;

Illi mil-attur nafu li fuqha huwa tilef profitt ta' £35.11.0, u ċjoè għall-partita ndikata fid-dokument "A" £10.4.6, u għall-partita taħt id-dokument "B" £25.6.6;

Illi kwindi l-konvenut nomine għandu jħallas l-ammonti hekk likwidati;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli tan-nuqqas lamentat mill-post imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni; tillikwida d-danni għas-somma ta' £90.10.0; u tikkundanna lill-konvenut iħallas dik l-istess somma, bl-imgħax legali; u bl-ispejjeż.